# Gerolamo Darmanin (1834-1879) u ħidmietu lil hinn mill-Istatwi tal-Kartapesta

Victor Caruana N.A. (Hons.), M.A. Storja ta' l-Arti



Fl-istorja ta' l-arti sagra Maltija, nsibu diversi artisti li taw sehemhom biex jipproduċu xbihat reliġjużi għad-devozzjoni jew użu ieħor u li fl-istess waqt kabbru l-patrimonju artistiku ta' dawn il-gżejjer. Minn skulturi sa pitturi, disinjaturi u statwarji, matul iż-żmien saru sforzi biex il-ħidma ta' dawn l-individwi tkun magħrufa u mistħarrġa sew biex il-kontribut li dawn taw fl-isfond tas-sitwazzjonijiet soċjali u reliġjużi li dawn għexu fihom jiġi apprezzat aktar. Wieħed minn dawk l-istatwarji Maltin li tagħrif fuqu beda ħiereġ pjuttost riċentament huwa Gerolamo Darmanin.

Forsi għax kunjomu huwa marbut l-aktar ma' zijuh l-istatwarju Carlo Darmanin u/jew għax Gerolamo miet ta' eta' relattivament żgħira u għalhekk ix-xogħlijiet popolari tiegħu huma limitati fin-numru, dan l-istatwarju Senglean baqa' relattivament mhux studjat. Meta mbagħad tfaċċat xi nformazzjoni fuqu, din prattikament kienet titratta xi aspetti bijografiċi tiegħu u xi tagħrif żgħir fuq l-istatwi li ħadem.[1] L-għan ta' dan l-artiklu, għalhekk, huwa li jagħti ftit ħjiel fuq aspett li ftit jassoċċjawh ma' dan l-istatwarju, jiġifieri l-ħidma ta' Gerolamo Darmanin fid-ditta kummerċjali ta' l-irħam *G.Darmanin e Figli* u kif huwa kien jipparteċipa magħhom f'wirjiet internazzjonali f'qasam li dan l-istatwarju għadu mhux magħruf għalih. Dan għandu jgħin biex fil-futur issir aktar riċerka fuq dan l-aspett ta' Gerolamo Darmanin biex forsi joħroġ ukoll aktar tagħrif interessanti u ġdid fuqu.[2]

## Xogħol fl-Irħam

Sakemm ġie sinonimu wkoll mal-produzzjoni ta' statwi fil-karapesta, il-kunjom Darmanin matul is-seklu dsatax kien assoċċjat l-aktar max-xogħol fl-irħam.[3] Id-ditta *G.Darmanin e Figli* – imsemmija għal Giuseppe Darmanin, in-nannu ta' Gerolamo - kienet tipproduċi xogħlijiet sagri bħal ma' huma l-artal maġġur u l-bażi tal-fonti tal-magħmudija fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa (1838-1841) kif ukoll l-artal tat-Trinita' (1853) u l-lavabo (1881) fis-sagristija tal-Parroċċa ta' l-Isla. Għamlu wkoll xogħlijiet profani u pubbliċi li kienu jiġu kkummissjonati mill-gvern Ingliż. Dawn jinkludu l-qabar ta' l-Onor. John Hookham Frere u l-paviment tat-tlett kurituri fil-*piano nobile* tal-Palazz fil-Belt flimkien ma' numru kbir ta' plakkek kommemorattivi fl-istess Palazz. Minbarra dan, lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax din id-ditta kienet saħansitra tirċievi kummissjonijiet mill-Ingilterra.[4]

Tidher xi ħaġa naturali allura, li minn ċkunitu, Gerolamo beda jsir familjari ma' din it-tip ta' produzzjoni u bħall-bqija tal-familjari tiegħu – speċjalment missieru li kien jispeċjalizza fl-istatwetti ta' fuq l-oqbra – jibda jagħti daqqa t'id f'dan ix-xogħol sakemm eventwalment jibda jagħmel xi xogħol huwa stess. Fil-fatt, meta qabad din il-karriera, u probabilment wara li fis-27 ta' Mejju 1856 iżżewweġ lil Gasparina Demajo, huwa fetaħ ħanut tax-xogħol f'numru 12, Triq id-Dejqa, fil-Furjana. Artiklu li ġie ppublikat fil-ġurnal *L'Ordine* tad-9 ta' Lulju 1858 jgħid li Gerolamo kien anke jgħix f'dan il-lokal għalkemm fl-atti tan-nutar Antonio Micallef tal-11 t'Ottubru 1857, hemm miktub li kien joqgħod l-Isla. Fl-artiklu ta' l-1858, intant, tissemma lapida għall-memorja tas-Sur Lorenzo Farrugia Bugeja li tpoġġiet fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt. Din kienet ġiet maħduma minn Gerolamo Darmanin u ddisinjata minn ħuh Giuseppe. Il-ħidma tagħha kienet deskritta bħala eleganti u ta' l-aqwa livell tant li kienet tixbaħ xi mużajk. Huwa kellu jagħmel żewġ lapidi għal Lorenza Farrugia Bugeja, waħda kommemorattiva u l-oħra funerarja. Dawn kellhom jitwaħħlu mal-ħajt tal-kappella tas-Sagrament u l-oħra ħdejn l-artal ta' San Gejtanu. Ix-



*L-artal tat-Trinità li nsibu llum fil-Bażilika ta' l-Isla*

xogħol ta' ntarsjar, twaħħil u dak kollu li kien neċessarju sewa £40.[5] Dan kollu jikkonferma li x-xogħol tiegħu ma kienx jagħmel għajb għall-popolarita' li d-ditta ta' familtu kienet kisbet matul is-snin.

## Parteċipazzjoni f'Esebizzjonijiet Barranin.

Il-popolarita' tad-ditta kummerċjali *G.Darmanin e Figli* u l-involviment ta' Gerolamo Darmanin fiha jidhru wkoll mill-parteċipazzjoni tagħhom f'numru ta' esebizzjonijiet barranin. Fl-1851, huma ħadu sehem fl-*Exhibition of the Works of Industry of All Nations* li kienet ittellgħet fil-Crystal Palace f'Londra.[6] Din il-wirja internazzjonali kienet itellgħet b'pompa kbira bejn l-1 ta' Mejju u l-15 t'Ottubru ta' l-1851 u kienet l-ewwel waħda fost serje ta' esebizzjonijiet li juru l-kultura u l-industrija ta' bosta pajjiżi fid-dinja u li kellhom ikunu aspett importanti u popolari matul is-seklu dsatax. Il-*Great Exhibition of the Works of Industry of all Nations* kienet organizzata minn xi membri tar-*Royal Society for the Encouragement of Arts, Manufactures and Commerce* bħala ċelebrazzjoni tat-teknoloġija ndustrijali moderna u d-disinn.[7] L-aspettattivi għas-suċċess ta' din il-wirja tant kienu għoljin li dak li beda jissejjaħ il-Crystal Palace kien inbena apposta għal dan l-avveniment. Dan il-bini tal-ħġieġ kellu tul ta' 1848 pied (c.563 metru) u wisa' ta' 454 pied (c.138 metru) u sa minn meta kien sar id-disinn għalih sa meta gie inawgurat kienu għaddew biss disa' xhur.[8] Sitt miljun ruħ kienu żaru din l-esebizzjoni, li kienet għamlet qliegħ ta' £186,000 li bih twaqqfu il-*Victoria and Albert Museum*, is-*Science Museum* u n-*Natural History Museum* ta' Londra, li kienu nbnew f'arja fin-nofsinhar tal-post fejn kienet saret il-wirja. Illum il-ġurnata, din l-esebizzjoni ta' l-1851 titqies bħala simbolu tal-perjodu Vittorjan fejn il-katalogu rikk tagħha mimli bl-istampi ta' inċiżjonijiet fl-azzar huwa sors primarju ta' disinn Vittorjan.

Minbarra l-kummissjonijiet numerużi li kienet tirċievi, il-parteċipazzjoni tad-ditta *G. Darmanin e Figli* f'wirja ta' dan il-kalibru turi kemm din kienet stmata u apprezzata matul is-seklu dsatax. Minbarra l-unur ta' parteċipazzjoni f'din l-esebizzjoni storika, id-ditta tal-familja Darmanin kienet rebħet midalja għal numru ta' uċuħ ta' mwejjed magħmula minn irħam intarsjat li d-disinn, il-ħidma u t-teknika użata fih ġew imfaħħra mhux ftit.[9] Gerolamo Darmanin ukoll kien ipparteċipa f'din il-wirja kbira f'isem id-ditta ta' familtu iżda bil-kontra ta' dak li wieħed jista' jobsor, il-parteċipazzjoni tiegħu fl-eta' żgħira ta' sbatax-il sena ma kelliex x'taqsam ma' xogħol fl-irħam.

Ix-xogħol li ż-żagħżugħ Gerolamo ppreżenta għal din l-okkażjoni hekk kbira kienet tinvolvi qasam li dan l-istatwarju għadu mhux magħruf għaliha – il-ħidma ta' statwi tax-xemgħa. Fil-fatt, huwa kien ħadem erba' figuri li kienu jirrappreżentaw il-Gran Mastri La Vallette u Zondadari kif ukoll Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann u Kavallier, lkoll bil-kostum tagħhom. Fuq ix-xogħol ta' Gerolamo, il-ġurija kienet ikkummentat li għalkemm ma kienux jilħqu l-mertu ta' xi xogħol ieħor li kien hemm ippreżentat fil-wirja, huma xorta kienu jilħqu ċertu livell ta' eċċellenza.[10]

Jidher li l-ħidma ta' Gerolamo fl-istatwi tax-xemgħa ma kienitx xi ħaġa ta' darba, iżda donnu kienet għal qalbu u kien qed ikompli jispeċċjalizza fiha. Tant hu hekk li fl-eta' ta' wieħed u għoxrin sena, huwa reġa' ħa sehem fi ħdan id-ditta ta' Darmanin fil-*Paris International Exhibition* li kienet ittellgħet bejn il-15 ta' Mejju ta' l-1855 u l-15 ta' Novembru ta' l-istess sena.

Il-parteċipazzjoni ta' Malta f'din il-wirja kbira, li kienu żaruha erba' miljuni u nofs viżitatur, kienet tħabbret mill-Gvern fl-1853, fejn ditti lokali kienu mistiedna jipparteċipaw. Is-Soċjeta' Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ kienet mitluba teżamina u tagħżel l-affarijiet li kellhom jirrappreżentaw lil Malta

f'din il-wirja u għal darb'oħra, id-ditta *G. Darmanin e Figli* reġgħet kienet protagonista għax reġgħu intgħażlu biex jibgħatu x-xogħol tagħhom. Ix-xogħlijiet industrijali u artistiċi li kienu ġew esebiti għal din l-okkażjoni kienu meqjusa bħala superjuri għal dawk murija f'wirjiet preċedenti. Probabilment, dan jgħodd ukoll għal dak li kienu tellgħu għall-wiri il-membri tal-familja Darmanin. Fil-fatt, huwa magħruf li kienu pproduċew xogħol ta' rħam intarsjat filwaqt li Gerolamo Darmanin reġa' ppreżenta sett ta' figuri tax-xemgħa, iżda ma jingħadx x'kienu jirrappreżentaw u x'kienu l-kummenti tal-ġurija fuqhom.[11] Id-ditta *G.Darmanin e Figli* ipparteċipat f'esebizzjonijiet oħrajn, fosthom dawk li saru f'Pariġi fl-1862 u fl-1867 u l-*Colonial and Indian Exhibition* ta' l-1886. Minbarra f'din ta' l-aħħar – peress li kien diġa' miet - huwa probabli li Gerolamo Darmanin ħa sehem ukoll f'dawn il-wirjiet. Peress li fl-eżempji msemmija hawn fuq huwa dejjem esebixxa statwi figurattivi, jista' jagħti l-kaz li meta fil-wirja Pariċina ta' l-1867 il-familja Darmanin tellgħet, fost affarijiet oħra, żewġ statwi tal-kartapesta biex juru xogħol tal-bizzilla u tnejn oħra biex juru ħwejjeġ tipikament Maltin, dawn kienu wkoll xogħol ta' Gerolamo Darmanin.

## Konklużjoni

Din l-informazzjoni tixħet aktar dawl fuq il-ħidma ta' Gerolamo Darmanin tul il-ħajja qasira tiegħu u turi wkoll li l-karriera bħala statwarju fil-kartapesta kienet biss biċċa mill-attivita' artistika tiegħu. Gerolamo Darmanin ħaqqu aktar rikonoxximent mhux biss għall-fatt li l-maġġoranza ta' l-istatwi tal-kartapesta li pproduċa juru li kien mudellatur mill-aqwa u għax kien proprju hu li meta fl-1870 għamel l-istatwa ta' *Guditta* għall-festa ta' l-Isla kien għadu kemm ħadem dik li kellha tkun l-ewwel statwa għat-toroq Maltin matul il-festi. Ħaqqu aktar apprezzament ukoll għall-ħidma li għamel fi ħdan waħda mill-aktar ditti Maltin rinomati u popolari matul is-seklu dsatax. Fid-ditta *G.Darmanin e Figli* huwa kien esponent mill-aqwa, kif juri t-tifħir li qala' meta għamel xi biċċa xogħol fl-irħam. Il-parteċipazzjoni tiegħu fil-wirjiet kbar barranin li din id-ditta ħadet sehem u rrappreżentat lil Malta fihom huma ċertifikat tal-kapaċitajiet tiegħu.

Minbarra hekk, it-tip ta' xogħol li kien jippreżenta għal dawn l-esebizzjonijiet minkejja l-eta' żgħira li kellu, huma xhieda tal-ġibda u l-imħabba li kellu lejn l-iskultura tant li allura, jirriżulta li kien hu li probabilment beda x-xogħol fl-arti figurattiva fost il-membri tal-familja Darmanin. Għalkemm uża materjal differenti, meta fl-1851 huwa ħadem sett ta' statwi tax-xemgħa, huwa ppreċeda saħansitra lil Carlo Darmanin f'din it-tip ta' arti li aktar tard l-istess zijuh kellu jsir rinomat għaliha permezz tal-kartapesta. Naraw ukoll kif il-ħidma ta' statwi tax-xemgħa hija teknika li s'issa ma kienitx assoċjata ma' Gerolamo Darmanin. Tajjeb hawnhekk li wieħed isaqsi mingħand min jew fejn huwa tgħallem din is-sengħa u jekk ħadimx xi statwi tax-xemgħa għal xi użu f'Malta, bħal per eżempju Bambini tal-Milied. Bla dubju, dan il-persunaġġ fl-istorja ta' l-arti Maltija joffri possibilita' għal aktar studju fuqu u fuq ħidmietu – ħaġa li wieħed jispera li ssir fil-futur qrib.

**REFERENZI**

[1] L-ewwel persuna li ppublikat riċerka fuq Gerolamo Darmanin kien Guido Lanfranco meta fl-1986 kiteb artiklu fuq dan l-istatwarju f' *The Times* ta' l-10 ta' Lulju. Dan kien segwit minn żewġ artikli oħra, wieħed fil-programm tal-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, "*Leħen il-Banda Sliema*" (Lulju 1986) u ieħor fil-ħarġa ta' "*Il-Furjana*", Jannar-Marzu 1987. Informazzjoni estensiva kienet ġiet ippublikata wkoll fil-*Pronostku Malti*, Malta 1988, p.135.

[2] Għal informazzjoni dettaljata fuq il-ħidma u t-teknika ta' Gerolamo Darmanin fl-arti tal-kartapesta, ara Victor Caruana, *The Art of Papier-maché in Malta between the 19- and early 20th Centuries: Technical and Art Historical Considerations*, tezi ta' l-M.A. mhux ippublikata u ppreżentata lill-Programm ta' l-Istorja ta' l-Arti, Fakulta' ta' l-Arti fl-Universita' ta' Malta, Ottubru 2005. Din it-teżi kienet saret taħt is-superviżjoni ta' Dr. Keith Sciberras.

[3] Id-ditta ta' l-irħam *Darmanin* kienet bdiet fl-Isla fis-sena 1708 u huwa magħruf li baqgħet tipproduċi x-xogħol għal mill-anqas żewġ sekli. Minnu nnifsu, dan jista jitqies bħala ċertifikat li juri l-kwalita' għolja u s-suċċess li din id-ditta kisbet. Il-familja Darmanin kellhom il-ħanut tax-xogħol tagħhom f' 45, Strada Levante l-Belt u aktar tard f'numru 532, Strada Reale, Via San Giuseppe, l-Ħamrun. L-uffiċini kienu jinsabu f'218, Triq l-Ifran, il-Belt: Michael Ellul, h*istory on Marble: a Corpus of Inscriptions in the Presidential Palaces of Valletta, San Anton and Verdala, Malta*, Malta 1998, pp. 56,57.

[4] M.Ellul, 1998, p.63.

[5] Guido Lanfranco, "Gerolamo Darmanin: Skultur u Marmista li s'issa ħadd għadu ma kiteb dwaru", *Il-Pronostku Malti*, Malta 1988, p.139.

[6] M.Ellul, 1998, p.58.

[7] Dawn il-membri organizzaturi kienu jinkludu lill-Prinċep Albert, Henry Cole, Francis Fuller u Charles Dilke.

[8] Aktar tard, dan il-bini kien iżżarma u reġa' twaqqaf f'verżjoni akbar f'Sydenham, fin-nofsinhar ta' Londra – arja li minn dakinhar 'l hawn kienet ġiet imsemmija Crystal Palace.

[9] M.Ellul, 1998, p.58.

[10] M.Ellul, 1998, p.59.

[11] M.Ellul, 1998, p.59. pesta.